MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.
MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 250/1999/1

**Adrian Mifsud f'ismu proprio u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' S. Mifsud & Sons Ltd.**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors fuq indikat datat is-26 ta' Jannar ta' l-1999 li permezz tieghu r-rikorrent nomine sejjah lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat a bazi tas-segwenti premessi:**

**1. Illi fit-13 ta' Mejju, 1992 l-intimat ipprezenta ittra ufficcjali kontra s-socjeta' rikorrenti BISS li permezz taghha talabha thallsu s-somma ta' LM164.95,6 kwantu ghall-LM162.35,6 dovuta ghall-attendenza ta' fizzjal tad-Dwana kif partitament indikat fid-dokument anness mal-istess ittra ufficcjali u kwantu ghall-LM2.60,0 dovuta bhala hlas tal-ittra ufficcjali tad-9 t'Ottubru, 1990;**

**2. Illi fit-28 ta' Mejju 1993 l-intimat talab u ottjena l-hrug ta' mandat ta' qbid (Numru 715/93) kontra l-esponenti PERSONALMENT biss ghall-ammont hawn fuq indikat;**

**3. Illi dan il-mandat ta' qbid gie esegwit kontra l-esponenti personalment, sia pure fl-indirizz tas-socjeta' esponenti u fuq oggetti tal-imsemmija socjeta';**

**4. Illi sabiex jigu evitati proceduri ta' subasta fuq il-proprjeta` tal-esponenti li giet effettwata bl-effetti tal-imsemmija mandat l-esponenti hallsu, b'riserva ta' drittijiethom l-ammont reklamat fl-14 ta' Novembru 1998;**

**5. Illi attwalment dan l-ammont reklamat mhux dovut la mill-esponenti personalment u lanqas nomine;**

**6. Illi in kwantu jirrigwarda l-esponenti personalment certament li huwa qatt ma seta' jitlob ebda gwardiani tal-intimat, kif reklamat minnu, stante li huwa ma mporta xejn Malta u personalment m'ghandu x'jaqsam xejn mal-wasla tal-vapur in kwistjoni u jekk qatt inghatat xi ordni lid-Dwana din inghatat minnu fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-socjetajiet rikorrenti u ghalhekk il-mandat ta' qbid li nhareg kontra l-esponenti personalment ma jistax jissussisti;**

**7. Illi in kwantu jirrigwarda l-esponenti nomine ghandu jigi rilevat illi l-allegata domanda**

**ghall-ufficcjali tad-Dwana tidher li hija b'riferenza ghall-wasla tal-vapur ESPRESSO VENEZIA tas-16 t'April 1991 u mid-dokumenti forniti mill-istess intimat jidher li tali domanda ma giet qatt iffirmata minn xi direttur tas-socjeta' esponenti jew minn xi rapprezentant taghha u ghalhekk ma jista' qatt jinghad li tali domanda saret mill-esponenti nomine u jew li saret validament;**

**8. Illi ghalhekk jidher li l-ammont imhallas mill-esponenti ma kienx dovut u ghandu jigi rinfuz;**

**9. Illi ghal dawn ir-ragunijiet l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha [1] tiddikjara illi l-ammont reklamat mill-intimat u attwalment lilu imhallas fl-14 ta' Novembru, 1998 mhux dovut u [2] tordna u tikkundanna lill-intimat jirrifondi lura l-istess ammont, li thallas "under protest" kif fuq inghad – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;**

**10. Bl-imghax mid-data tal-pagament u bl-ispejjez komprizi dawk ta' LM11.50,0 ghall-konsult kontra l-intimat li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni tieghu;**

**Rat ir-risposta tal-intimat Kontrollur tad-Dwana datata l-5 ta' Frar li permezz taghha irribatta bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-ammont mitlub permezz ta` ittra ufficjali tat-13 ta' Mejju 1992 u permezz tal-mandat ta' qbid numru 715/93 jigifieri s-somma ta' LM164.95 huwa dovut ghaliex is-servizz t'attendenza ta' gwardjani tad-Dwana inghata;**

**2. Illi mhux qed ikun kontestat li s-servizz t'attendenza t'ufficcjali tad-Dwana inghata b'riferenza ghall-wasla tal-vapur ESPRESSO VENEZIA tas-16 t'April 1991;**

**3. Illi huwa minnu li l-ittra ufficjali kienet indirizzata kontra s-socjeta' rikorrenti, u huwa minnu**

**li l-mandat ta' qbid hawn fuq imsemmi, kien indirizzat kontra Adrian Mifsud. Izda fir-rigward tal-mandat, ghalkemm kien indirizzat kontra Adrian Mifsud, l-ezekuzzjoni saret fil-fond u fuq oggetti proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti, u ghaldaqstant dan juri li Adrian Mifsud deher fil-mandat fil-kapacita' tieghu ta' direttur tas-socjeta' rikorrenti;**

**4. Illi anke kieku ghall-grazzja tal-argument, il-mandat ikun dikjarat null minhabba l-fatt li kien indirizzat kontra Adrian Mifsud biss, xorta jibqa' l-fatt li l-ittra ufficcjali iggorr fiha titolu ezekuttiv, la ma kinitx kontestata fiz-zmien stipulat mill-ligi, u ghalhekk l-ammont mitlub fiha huwa xorta dovut;**

**5. Illi r-rikorrent qed jissottometti li ladarba t-talba ghall-attendenza tal-gwardjani tad-Dwana ma kinitx iffirmata minn xi direttur tas-socjeta' rikorrenti allura l-ammont mhux dovut mis-socjeta` rikorrenti. L-esponent jixtieq jiccara li fil-kuntest tal-port fejn ix-xoghol irid isir malajr huwa assurd li wiehed jesigi li kull ordni issir bil-miktub u tkun iffirmata mid-Diretturi tas-socjeta'. Kieku wiehed kellu jadotta prassi assurda bhal dan fejn qabel ma jintbaghat gwardjan tad-Dwana jkunu jridu jigu ezaminati l-"Memorandum and Articles" ta' kull socjeta' u konfermata l-awtenticita' tal-firma ta' kull direttur u l-kapacita' tieghu li jirrapprezenta lis-socjeta', x-xoghol fil-port ma jkunx possibbli u di piu, ikun irid ikun hemm avukat fuq kull moll;**

**6. Illi din l-interpretazzjoni assurda tar-rikorrent ma ssib ebda konfront fil-ligi stante li ma hemm xejn kontra l-ligi fl-ghemil ta' ordni bhal dak in kwistjoni anke verbalment minn impjegat jew xorta ohra ta' mandatarju tas-socjeta' rikorrenti jew tar-rikorrent Adrian Mifsud. Is-sottomissjonijiet tar-rikorrent imorru wkoll kontra l-principju tad-dritt kummercjali illi l-Manager jista jagixxi ghas-socjeta'. Kwantu ghal Adrian Mifsud personalment huwa car anke "ictu oculi" mir-rikors promutur li dan huwa l-persuna li jiggestixxi s-socjeta' rikorrenti u li din hija**

**"de facto", "alter ego" tieghu. Jekk hu ghazel li ma jkunx car fil-mod kif ghamel l-ordni ghall-gwardjani certament espona ruhu li jigi azzjonat personalment ukoll. Dan billi wiehed ma jistax jippermetti li l-kerditur jispicca biex ma jithallasx ghax jekk ifittex lis-socjeta' din tghid li mhux hi u jekk ifittex lill-persuna fizika responsabbli ghall-ordni din tghid li kienet is-socjeta';**

**7. Illi ghalhekk f'sitwazzjoni fejn meta saret l-ordni, ma inghatawx dettalji precizi, kemm il-persuna fizika li ghamlet l-ordni (direttament jew indirettament) kif ukoll is-socjeta' li kienet l-agent tal-vapur ghandhom jirrispondu vis-à-vis d-Dwana, u l-kwistjonijiet l-ohra huwa kwistjonijiet ta' bejniethom;**

**8. Illi fir-rigward tal-ispejjez mitluba, l-ispejjez li jistghu jintalbu fl-atti tal-Qorti huma spejjez legali u mhux spejjez ta' konsult kif qed jippretendi r-rikorrent;**

**9. Illi ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti, bl-ispejjez tal-ittra ufficjali u l-mandat ta' qbid hawn fuq imsemmija kontra r-rikorrent li huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti l-ohra kollha esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-mertu in dizamina jirrigwarda l-ammont ta' mija u erba' u sittin Lira Maltin, hamsa u disghin centezmu u sitt millezmi, (Lm164.95,6),**

**imhallsa mir-rikorrent proprio et nomine in segwitu ta' mandat ta' qbid riferit fl-istess rikors tieghu u dan ghas-servizz t'attendenza ta' ufficcjali tad-Dwana rigwardanti l-vapur Espresso Venezia tas-16 t'April, 1991;**

**2. Illi din il-procedura giet hekk enforzata wara l-hrug mill-intimat ta' ittra ufficcjali datata t-13 ta' Mejju, 1992 fil-konfront tar-rikorrent;**

**3. Illi l-agenti lokali tal-vapur fuq indikat hija s-socjeta' Silvio Mifsud & Sons Limited;**

**4. Illi l-meritu jikkoncerna l-uzu ta' ufficcjali tad-Dwana biex jikkontrollaw il-vetturi li jkunu qed jinhargu minn Malta wara li jkun gew importati temporanjament;**

**5. Illi dawn l-ufficcjali kienu ghadhom ma thallsux mill-agent fuq indikat u konsegwentement ittiehdet l-azzjoni necessarja mid-Dipartiment tad-Dwana li issa qed tigi impunjata permezz ta' din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalkemm hu verament leziv il-logika umana li wiehed ikun responsabbli ghall-hlas ta' servizz li fil-fatt hu dovut lilhu mill-amministrazzjoni pero' l-ligi vigenti tirrikjedieh;**

**Illi effettivament l-intimat jirrizulta li agixxa skond il-ligi;**

**Illi ghandu jinghad ukoll li din mhix is-sede li wiehed jittanta jimpunja legislazzjoni jew regolament li ma reggix it-test logiku ta' l-analizi jew li jmur direttament kontra principji ohra legali;**

**Ghaldaqstant filwaqt li din il-qorti tilqa' r-risposta tal-intimat, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**